

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proprjetà Intellettuali u ż-Żgħażaġħ 2022



Daħla

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proprietà Intellettuali u ż-Żgħażaġħ 2022

Din it-tielet edizzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni tal-PI taż-Żgħażaġħ tipprovdi aġġornament tant mistenni dwar l-imġiba taż-żgħażaġh bejn il-15 u l-24 sena madwar l-Unjoni Ewropea rigward ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Hija tiffa' dawl kemm Ewropew kif ukoll nazzjonali fuq il-fatturi li qed iwasslu liż-żgħażaġh jixtru oġġetti ffalsifikati jew jaċċessaw kontenut diġitali minn sorsi illegali iżda tenfasizza wkoll l-elementi li jistgħu jġiegħlu lill-ġenerazzjoni iżgħar trażżan l-imġiba ta' ksur tagħhom.

L-istħarriġ tal-2022 jikkonferma fil-parti l-kbira tiegħu t-tendenzi identifikati fl-edizzjonijiet preċedenti fl-2016 u fl-2019 iżda joffri għarfien iktar rikk fil-perċezzjonijiet u l-attitudnijiet taż-żgħażaġh fi żmien fejn il-kummerċ elettroniku u l-konsum diġitali qiegħed jiżdied b'mod sinifikanti, u b'hekk iħalli impatt fuq l-imġiba tal-konsumaturi.

It-tendenza ta' aċċess għal kontenut diġitali minn sorsi legali hija kkonfermata biċ-ċar b'maġġoranza ikbar ta' żgħażaġh li jiddikjaraw il-preferenza tagħhom għal alternattivi legali meta mqabbla ma' kontenut piratat.

Madankollu, 21 % tar-rispondenti xorta jirrikonoxxu li aċċessaw kontenut piratat intenzjonalment fl-aħħar 12-il xahar, b'mod partikolari films, sensiliet tat-TV, mużika u avvenimenti sportivi diretti, minn servers, apps u media soċjali magħmula apposta. Terz mill-konsumaturi żgħażaġh isibuha diffiċli jiddistingwu kontenut diġitali legali minn kontenut piratat jew iktar minn hekk ma jimpurtahomx.

Min-naħa l-oħra, ix-xiri intenzjonat ta' oġġetti ffalsifikati żdied b'37 % taż-żgħażaġh li jikkonfermaw li xtraw mill-inqas prodott falz wieħed fl-aħħar 12-il xahar (14 % fl-2019).

Din it-tendenza hija inkwetanti, anki jekk it-titjib metodoloġiku jista' jkun li pprovda stampa iktar preċiża meta mqabbla mal-edizzjonijiet preċedenti tat-tabella ta' valutazzjoni.

Proporzjon simili ta' żgħażaġh xtraw oġġetti ffalsifikati bi żball, u jirrikonoxxu d-diffikultajiet biex jiddistingwu oġġetti ġenwini minn dawk iffalsifikati.

Jekk il-prezz għadu jitqies mir-rispondenti bħala fattur ewlieni rilevanti li jwassal għall-piraterija jew il-falsifikazzjoni, l-importanza tal-influenzi soċjali bħall-imġiba tal-familja, tal-ħbieb u tan-nies ta' madwarhom qed issir aktar importanti.

Meta nikkunsidraw il-fatturi li jġiegħluhom jaħsbuha darbtejn u jwaqqfu l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, ir-riskji personali ta' theddid ċibernetiku jew frodi ċibernetiku issa, qed jissemmew aktar miż-żgħażaġh mistħarġa, kif ukoll fehim aħjar dwar l-impatt negattiv fuq l-ambjent u s-soċjetà.

Dan l-analiżi ġdid għandu jipprovdu għodda azzjonabbli u ta' valur biex tgħin lill-partijiet ikkonċernati, lil dawk li jfasslu l-politika kif ukoll lill-edukaturi u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiffurmaw inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni biex jiġu appoġġjati l-għażliet infurmati taċ-ċittadini u tal-konsumaturi żgħażaġh tagħna.

Christian Archambeau
Executive Director
EUIPO



Sommarju eżekuttiv

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proprietà Intellettwali u ż-Żgħażaġħ 2022

SOMMARJU TAS-SEJBIET EWLENIN

Dan l-istudju tal-2022 ikompli fuq l-ewwel u t-tieni edizzjonijiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proprietà Intellettwali u ż-Żgħażaġħ, ippubblikati fl-2016 u fl-2019. L-għan speċifiku tar-riċerka oriġinali kien li jifhmu liema fatturi u ostakli ewlenin huma l-aktar b'saħħithom meta jakkwistaw kontenut diġitali online jew meta jixtru oġġetti fiżiċi li huma offruti kemm legalment kif ukoll illegalment. L-istudju tal-2022 ġie bbażat fuq verżjoni mqassra u riveduta tal-kwestjonarju tal-istħarriġ mill-2019. L-għan tiegħu kien kemm biex jiġu vvalutati t-tibdiliet fl-attitudnijiet u l-imġiba mill-istudju tal-2019, kif ukoll biex jinkiseb għarfien ġdid u mtejjeb li jista' direttament jinforma r-rispons ta' politika xierqa. L-istudju twettaq fost total ta' 22 021 żaġħżuġh u żaġħżuġha (bejn il-15 u l-24 sena) fis-27 Stat Membru tal-UE, bejn is-7 u t-28 ta' Frar 2022. Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn is-sejbiet, inkluż, fejn metodoloġikament possibbli, paraguni mar-riżultati miksuba fl-2019 u l-2016.

[L-aċċessar ta' kontenut minn sorsi illegali u x-xiri ta' oġġetti fiżiċi ffalsifikati online, għadhom prattiċi komuni fost iż-żgħażaġh.](#)

Terz (33 %) tar-rispondenti kienu użaw, lagħbu, niżżlu jew strimjaw kontenut minn sorsi illegali matul l-aħħar 12-il xahar. Dan kien jinkludi 21% li kienu għamli dan intenzjonalment u 12 % li għamli dan mhux intenzjonalment. Filwaqt li dawn ir-riżultati huma konformi ħafna ma' dawk tal-2019, kien hemm ukoll żieda ta' 10 punti perċentwali fil-proporzjon taż-żgħażaġh li qalu li *ma aċċessawx* kontenut minn sorsi illegali (minn 50 % għal 60 %). Din iż-żieda hija konsistenti fis-sejbiet minn letteratura riċenti usa'.

Fir-rigward tal-falsifikazzjoni, ftit iktar min-nofs (52 %) taż-żgħażaġh mistħarġa kienu xtraw mill-inqas prodott falz wieħed online matul l-aħħar 12-il xahar. Total ta' 37 % kienu xtraw prodott falz intenzjonalment u proporzjon ugwali li kienu għamli dan mhux intenzjonalment (ir-rispondenti setgħu xtraw kemm intenzjonalment u kemm mhux intenzjonalment tip speċifiku ta' prodott iffalsifikat f'xi punt matul dawn l-aħħar 12-il xahar). Filwaqt li r-riżultati ta' din il-mistoqsija mhijiex direttament komparabbli mal-kurvi preċedenti tal-istħarriġ, jimmarkaw żieda notevoli fix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati mill-2019, meta 14 % tar-rispondenti rappurtaw li xtraw dawn l-oġġetti intenzjonalment u 12 % rappurtaw li kienu għamli dan mhux intenzjonalment. Din il-bidla x'aktarx tirrifletti kemm iż-żieda dokumentata b'mod wiesgħa fix-xiri online matul il-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll l-irfinar li sar lill-mistoqsija għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2022 (dettaljata fit-taqsimha 1.3 hawn taħt). It-tipi speċifiċi ta' prodotti ffalsifikati li r-rispondenti kienu xtraw l-aktar matul l-aħħar 12-il xahar kienu ħwejjeġ u aċċessorji (17 %), segwiti minn xedd is-saqajn (14 %).

L-ispiża tibqa' l-iktar fattur importanti li timmotiva l-aċċess illegali ta' kontenut diġitali kif ukoll ix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati, iżda qegħdin jiġu stabbiliti fatturi oħrajn ukoll, speċjalment influwenzi soċjali.

F'konformità mas-sejbiet tal-2019, spiża inqas u għażla ikbar baqgħu r-raġunijiet ewlenin li r-rispondenti taw għall-aċċessar intenzjonat ta' kontenut minn sorsi illegali. Bl-istess mod, l-affordabbiltà tal-prodott kien il-fattur ewlieni li jimmotiva x-xiri intenzjonat ta' oġġetti fiżiċi ffalsifikati fl-2022, segwit minn sempliċiment nuqqas ta' interess jekk il-prodott kien falz, twemmin li ma kien hemm l-ebda differenza bejn l-oġġetti ġenwini u dawk iffalsifikati, u l-faċilità li ssib jew tordna oġġetti ffalsifikati online (18 %). Fl-istess ħin, kemm fl-aċċess tal-kontenut minn sorsi illegali kif ukoll fix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati, kien hemm żieda (ta' 5 u 6 punti perċentwali rispettivament) fil-proporzjon ta' rispondenti li jistqarru li "ħbieb jew nies oħra li naf jagħmlu hekk", li tenfasizza l-importanza miżjuda ta' influwenzi soċjali.

Siti web magħmula apposta kienu l-iktar mod popolari biex jaċċessaw ħafna mit-tipi tal-kontenut diġitali illegalment.

Mistoqsija ġdida li ġiet miżjuda mal-istħarriġ tal-2022 żvelat li, għal ħafna mit-tipi ta' kontenut minn sorsi illegali, siti web magħmula apposta kienu mezz ta' aċċess popolari, speċjalment għall-films (63 %) u s-sensiliet tat-TV (59 %). Għall-mużika, l-apps kienu l-iktar mezz popolari li bih setgħu jaċċessaw kontenut piratat (39 %) u għar-ritratti, il-media soċjali kienet il-mezz l-iktar popolari (36 %).

Id-disponibbiltà ta' prodotti/kontenut ġenwini iktar affordabbli minn sorsi legali, flimkien mar-riskji ta' penali, jibqgħu fost il-fatturi ewlenin li kieku jwasslu liż-żgħażaġh iċċedu għal alternattivi illegali. Fl-istess ħin, l-għażliet għal risposti ġodda miżjuda mal-istħarriġ għall-2022 juru fatturi oħrajn li jistgħu jgħegħluhom jibdlu l-imġiba tagħhom.


Madwar nofs dawk li qalu li kienu aċċessaw kontenut minn sorsi illegali qalu li jieqfu jagħmlu dan kieku kellhom jesperjenzaw theddid ċibernetiku (41 %) jew frodi ċibernetika (41 %), filwaqt li 24 % qalu li hemm mnejn jieqfu kieku kellhom jesperjenzaw kontenut ta' kwalità ħażina. Fost dawk li kienu xtraw prodotti foloz, madwar terzi (31 %), qalu li jieqfu kieku kellhom jesperjenzaw oġġetti ffalsifikati ta' kwalità ħażina u madwar kwart qalu li jieqfu jagħmlu dan kieku kellhom jesperjenzaw frodi ċibernetika (23 %) jew theddid ċibernetiku (21 %), jew kieku kellhom jesperjenza prodott mhux sigur jew perikoluż (22 %). Proporzjon simili qalu li fehim aħjar tal-impatti negattivi fuq l-ambjent (19 %) jew fuq is-soċjetà (17 %) kieku jwaqqafhom.

KONTENUT DIĠITALI

Il-proporzjon ta' żgħażaġh li aċċessaw kontenut minn sorsi illegali (intenzjonalment jew mhux intenzjonalment) baqa' l-istess mill-2019, bi 33 %. Fl-istess ħin, kien hemm żieda ta' 10 punti perċentwali fil-proporzjon li qalu li ma aċċessaw l-ebda kontenut ta' dan it-tip.

F'konformità mas-sejbiet tal-istħarriġ tal-2019, terz (33 %) mir-rispondenti kienu użaw, lagħbu, niżżlu jew strimjaw kontenut minn sorsi illegali matul l-aħħar 12-il xahar – b'21 % li għamlu dan intenzjonalment u 12 % li għamlu dan mhux intenzjonalment. Filwaqt li dawn ir-riżultati huma konformi ħafna ma' dawk tal-2019, kien hemm ukoll żieda ta' 10 punti perċentwali fil-proporzjon taż-żgħażaġh li qalu li *ma aċċessawx* kontenut minn sorsi illegali (minn 50 % għal 60 %). Dan huwa konsistenti mal-letteratura usa', inkluż "European citizens and intellectual property: perception, awareness, and behaviour study" (L-istudju dwar iċ-ċittadini Ewropej u l-proprjetà intellettuali: il-perċezzjoni, l-għarfien u l-imġiba), fejn il-proporzjon tar-rispondenti li rrapportaw li ħallsu għal kontenut diġitali legali wera żieda ta' 17-il punt perċentwali meta mqabbel mal-2017 (minn 25 % għal 42 % fl-2020) (Figura 1.1).

Illustrazzjoni 1.1: L-aċċessar ta' kontenut diġitali – legalment jew illegalment



Bħal fl-2019, fit iktar minn wieħed minn kull 5 (21 %) rispondenti kienu użaw sorsi illegali biex jaċċessaw kontenut *intenzjonalment*.

Użu intenzjonat ta' sorsi illegali baqa' ogħla mill-medja fost l-irġiel u żgħażaġh b'livell għoli ta' edukazzjoni. Fl-istess ħin, il-prevalenza ta' din l-imġiba varjat b'mod sinifikanti skont il-pajjiż, li jvarjaw minn 29 % fil-Belġju għal 12 % fil-Ġermanja. It-tipi ewlenin ta' kontenut diġitali mfittxa minn sorsi illegali kienu l-films (61 %), is-sensiliet/l-ispettakli tat-TV (52 %) u ħafna inqas il-mużika (36 %), software (35 %), logħob (33 %), avvenimenti sportivi diretti (35 %) u kotba elettroniċi (32 %). Il-proporzjon ta' rispondenti li straħu prinċipalment fuq sorsi *legali* għal kwalunkwe tip ta' kontenut kien konsistentement taħt is-60 %.

Għal ħafna mit-tipi ta' kontenut minn sorsi legali, siti web magħmula apposta kienu l-iktar mezz popolari li bih jaċċessaw il-kontenut.

Mistoqsija ġdida li ġiet miżjuda mal-istħarriġ tal-2022 żvelat li, għal ħafna mit-tipi ta' kontenut minn sorsi illegali, siti web magħmula apposta kienu mezz ta' aċċess popolari, speċjalment

għall-films (63 %) u s-sensiliet tat-TV (59 %). Għall-mużika, l-apps kienu l-iktar mezz popolari li bih setgħu jaċċessaw kontenut piratat (39 %) u għar-ritratti, il-media soċjali kienet il-mezz l-iktar popolari (36 %).

F'konformità mal-mewġa preċedenti tar-riċerka, ir-raġuni ewlenija li r-rispondenti taw għall-fatt li aċċessaw kontenut minn sorsi illegali intenzjonalment kienet l-ispiża iżjed baxxa tal-kontenut meta mqabbla mal-kontenut minn sorsi legali b'iktar minn nofshom (55 %) li semmew dan il-fatt, segwita mir-raġuni li l-kontenut mixtieq kien disponibbli biss permezz ta' sorsi illegali (25 %) u li hemm għażla ikbar disponibbli permezz ta' dawn it-tipi ta' sorsi. Notevolment, ir-riżultati tal-istħarriġ juru żieda fil-proporzjon ta' rispondenti li jgħidu "ħbieb jew persuni oħra li naf jagħmlu hekk" (minn 12 % għal 17 %), li jenfasizzaw l-importanza ta' influwenza soċjali fuq l-imġiba.

Il-fattur ewlieni li ż-żgħażaġh qalu li hemm mnejn iwaqqafhom milli jkomplu jaċċessaw kontenut minn sorsi illegali intenzjonalment kien li jkun hemm iktar kontenut affordabbli disponibbli minn sorsi legali. Il-potenzjal għal frodi ċibernetika u theddid ċibernetiku kienu t-tieni l-iktar fattur imsemmi li jista' jservi ta' deterrent.

Id-disponibbiltà ta' iktar kontenut affordabbli minn sorsi legali kien il-fattur ewlieni li ż-żgħażaġh qalu li hemm mnejn iwaqqafhom milli jaċċessaw kontenut minn sorsi illegali intenzjonalment – kważi nofshom (47 %) semmew dan. Proporzjon simili qalu li hemm mnejn jieqfu kieku kellhom jesperjenzaw theddid ċibernetiku (41 %) jew frodi ċibernetika (40 %), filwaqt li 29 % qalu li hemm mnejn jagħmlu dan kieku jkunu qed jirriskjaw li jiffaċċjaw xi kastig u 24 % qalu li hemm mnejn jagħmlu dan kieku kellhom jesperjenzaw kontenut ta' kwalità ħażina.

Fost ir-rispondenti li ma kinux jafu jekk kinux aċċessaw kontenut minn sorsi illegali, il-maġġoranza (69 %) komplew jgħidu li ma setgħux jiddistingwu bejn sorsi legali u illegali, filwaqt li 26 % qalu li ma jimpurtahomx jekk is-sors kienx legali jew illegali. Filwaqt li ċ-ċifra msemmija qabel kienet inqas minn dik tal-2019 (bi 15-il punt perċentwali), il-proporzjon li qalu li ma jimpurtahomx kien ogħla (bi 8 punti perċentwali).

OĠĠETTI FIŻIĊI

Filwaqt li kważi żewġ terzi (63 %) tar-rispondenti fl-istħarriġ tal-2022 qalu li sabuha pjuttost faċli jew faċli ħafna biex jiddistingwu bejn sorsi legali u illegali għal oġġetti fiżiċi, madwar terzi (31 %) komplew jiffaċċjaw sfidi f'dan ir-rigward. Dawn l-isfidi baqgħu l-iktar prevalenti fost in-nisa, l-adolexxenti (bejn il-15 u s-17-il sena) u dawk b'livell iktar baxx ta' edukazzjoni.


Ftit iktar min-nofs (52 %) tar-rispondenti totali kienu xtraw mill-inqas prodott falz wieħed online matul l-aħħar 12-il xahar.

Ftit iktar min-nofs (52 %) tar-rispondenti totali kienu xtraw mill-inqas prodott falz wieħed online matul l-aħħar 12-il xahar. Total ta' 37 % kienu xtraw prodott falz intenzjonalment u proporzjon indaqs għamel dan mhux intenzjonalment, filwaqt li 48 % ma kienu xtraw l-ebda prodott ta' dan it-tip jew ma kinux żguri jekk xtrawx jew le (lċ-ċifri ma jammontawx għal 100 % għax ir-rispondenti jista' jkun li xtraw oġġett iffalsifikat kemm intenzjonalment u kemm mhux

intenzjonalment f'xi punt matul l-aħħar 12-il xahar) (Figura 1.2). Filwaqt li r-risultati ta' din il-mistoqsija mhijiex direttament komparabbli mal-kurvi preċedenti tal-istħarriġ, jimmarkaw żieda notevoli fix-xiri ta' oġġetti ffalsifikati mill-2019, meta 14 % tar-rispondenti rappurtaw li xtraw dawn l-oġġetti intenzjonalment u 12 % rappurtaw li kienu għamlu dan mhux intenzjonalment. Din il-bidla x'aktarx tirrifletti kemm iż-żieda dokumentata b'mod wiesgħa fix-xiri online matul il-pandemija tal-COVID-19 (u potenzjalment nuqqas ta' prodotti f'xi ħwienet fiżiċi), kif ukoll l-irfinar li sar lill-mistoqsija għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2022.

Billi fl-edizzjonijiet preċedenti, ir-rispondenti kienu sempliċiment mistoqsija jekk kinux xtraw oġġetti foloz jew le, fl-edizzjoni tal-2022 ġew ippreżentati b'lista ta' 12-il kategorija ta' prodotti speċifiċi u ġew mistoqsija jekk kinux xtraw jew le kull wieħed minn dawn. Il-provvista tal-lista x'aktarx se tqanqal tfakkira mtejbja tax-xiri fil-passat min-naħa tar-rispondenti, għalhekk twassal kejl iżjed preċiż tal-imġiba.

Figura 1.2: Xiri intenzjonat jew mhux intenzjonat ta' oġġetti ffalsifikati



Ix-xiri intenzjonat ta' oġġetti ffalsifikati fl-aħħar 12-il xahar kien l-oġġetti għall-ħwejjeġ u l-aċċessorji (17 %), segwit mix-xedd is-saqajn (14 %), tagħmir elettroniku (13 %) u iġjene, kożmetiċi, kura personali u prodotti ta' fwieħa (12 %). Ix-xiri mhux intenzjonat ta' oġġetti ffalsifikati kien b'mod ġenerali l-oġġetti għall-istess kategoriji ta' prodotti.

F'konformità mar-risultati kemm fit-Tabella ta' Valutazzjoni taż-Żgħażaġħ tal-2016 kif ukoll tal-2019, l-ispiża baqgħet il-fattur ewlieni li timmotiva x-xiri intenzjonat ta' oġġetti fiżiċi ffalsifikati fl-2022. Ftit inqas minn nofs (48%) ir-rispondenti li kienu xtraw oġġetti ffalsifikati *intenzjonalment* fl-aħħar 12-il xahar, għamlu dan minħabba l-affordabbiltà jew il-prezz irħas tal-oġġetti ffalsifikati. Fatturi oħrajn imsemmija minn mill-inqas 1 minn kull 5 persuni li xtraw oġġetti ffalsifikati b'mod *intenzjonat* kienu sempliċiment jikkonsistu minn nuqqas ta' interess jekk il-prodott kien falz (27 %), twemmin li ma kien hemm l-ebda differenza bejn l-oġġetti ġenwini u dawk iffalsifikati (24 %) u l-faċilità li jinstabu jew jiġu ordnati prodotti ffalsifikati online (18 %). Mill-2019 'il hawn kien hemm żieda ta' sitt punti perċentwali fil-proporzjon li jistqarru raġuni oħra – l-influenza ta' nies li jafu.

Kważi terz tar-rispondenti li kienu xtraw oġġetti ffalsifikati intenzjonalment fl-aħħar 12-il xahar qalu li kieku jieqfu jagħmlu dan jekk ikun hemm iktar prodotti oriġinali affordabbli disponibbli (31 %). Proporzjon ugwali qalu li jieqfu kieku kellhom jesperjenzaw oġġetti ffalsifikati ta' kwalità ħażina (31 %) u madwar kwart qalu li jagħmlu dan kieku kellhom jesperjenzaw frodi ċibernetika (23 %) jew theddid ċibernetiku (21 %), jekk jew il-familja/ħbieb (22 %), jew oħrajn (22 %)

kellhom esperjenza ħażina bi prodott falz, jew kieku kellhom jesperjenzaw prodott mhux sigur jew perikoluż (22 %). Proporzjon simili qalu li fehim aħjar tal-impatti negattivi fuq l-ambjent (19 %) jew fuq is-soċjetà (17 %) kieku jwaqqafhom.

Mir-rispondenti li *ma kinux żguri* jekk kinux xtraw oġġetti ffalsifikati fl-aħħar 12-il xahar, 3 minn 5 (60 %) qalu li ma kinux kapaċi jiddistingwu bejn prodotti ġenwini u ffalsifikati u 39 % qalu li sempliċiment ma jimpurtahomx jekk prodott kienx ġenwin jew iffalsifikat.

Madwar kwart (26 %) tar-rispondenti kollha tal-istħarriġ qalu li ma kinux jafu jekk xtrawx oġġetti iffalsifikat fl-aħħar 12-il xahar. Minn dan il-grupp, il-maġġoranza (60 %) komplew jgħidu li ma kinux kapaċi jiddistingwu bejn prodott ġenwin u ffalsifikat, filwaqt li 39 % qalu li sempliċiment ma jimpurtahomx jekk prodott kienx ġenwin jew iffalsifikat. Lċ-ċifra tal-aħħar kienet 8 punti perċentwali ogħla minn dik fl-2019, li għal darba oħra, jista' jkun qed tindika aċċettabbiltà soċjali dejjem tikber tax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati.

KOMUNIKAZZJONI

Messaġġi dwar is-sigurtà personali (pereżempju, f'termini ta' evitar ta' viruses tal-kompjuter, malware u frodi b'karta ta' kreditu) ikomplu jkun l-iktar konvinċenti għaż-żgħażaġh meta jiġu biex jikkunsidraw x'jista' jipperswadihom jieqfu kemm milli jaċċessaw kontenut minn sorsi illegali kif ukoll milli jixtru oġġetti ffalsifikati. Fir-rigward speċifikament ta' oġġetti ffalsifikati, messaġġi li jikkonċernaw impatti soċjetali u ambjentali negattivi jidher wkoll li kellhom effett fuq xi segmenti ta' żgħażaġh.

Messaġġi li l-iktar probabbli jwasslu lir-rispondenti jaħsbuha darbtejn qabel jużaw, jilagħbu, iniżżlu jew jistrimjaw kontenut minn sorsi illegali, kienu li kieku kien hemm riskju li l-kompjuter jew l-apparat tagħhom jiġi infettat bil-viruses, jew malware (53 %), riskju li jinsterqulhom id-dettalji tal-karta ta' kreditu (49 %), jew il-possibbiltà li jiffaċċjaw kastig (36 %). Messaġġi li l-iktar probabbli jaslu jipperswadu liż-żgħażaġh jieqfu milli jixtru oġġetti ffalsifikati kienu b'mod simili r-riskju li jinsterqulhom id-dettalji tal-karta ta' kreditu (43 %), segwit mill-assenza ta' garanziji fuq il-prodotti ffalsifikati (34 %), ir-riskju ta' viruses/malware tal-kompjuter (34 %) u l-possibbiltà li jesperjenzaw impatti tas-saħħa avversi (31 %). Għal xi segmenti ta' rispondenti li kienu xtraw oġġetti ffalsifikati – speċjalment dawk bl-ogħla livell ta' edukazzjoni – messaġġi dwar l-impatti soċjetali jew ambjentali negattivi dehru wkoll li kellhom effett sa ċertu punt (u, fil-fatt, kienu bl-istess mod fost ir-raġunijiet li rispondenti oħra taw għall-fatt li *ma kinux xtraw oġġetti ffalsifikati*).